# Il-Ħadd 23.01.2021

1. Illum 23/01: **It-Tielet Ħadd matul is-Sena u Ħadd il-Kelma ta' Alla**.
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, il-*Mobile Blood Donation Unit* ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tagħna sabiex tkunu tistgħu tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

2. It-Tnejn 24/01:
   - Fis-5:45pm - Qrar.

3. It-Tlieta 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   *Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.*
   Fil-Parroċċa tagħna:-
   - Fis-7:30am - Quddiesa.
   - Fid-9:00am - Quddiesa fl-Iskola Primarja.
   - Fil-5:00pm - Qrar.
   - Fil-5:30pm - Rużarju.
   - Fis-6:00pm - Talb ta' Filgħaxija (L-Għasar).
   - Fis-6:30pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn
     Mons. Prof. Hector M. Scerri,
     Delegat tal-Arċisqof u President tal-Kummissjoni Ekumenika.
     Fl-aħħar tal-Quddiesa tindaqq l-Antifona
     u tingħata l-Barka Sagramentali.
     Iċ-Ċelebrazzjoni tkun animata
     mill-Kor '*Sine Macula*' u l-orkestra.

   ***Iċ-ċelebrazzjoni tixxandar permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa.***

4. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl ifakkar li llum (23/01) xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm.

5. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Kunsill ifakkar fis-servizz tan-*Nurse* fil-Berġa kull nhar ta' Tlieta mit-8:00am sa' 12:00pm. Għal appuntament tistgħu tibbukkjaw billi ċċemplu l-Kunsill Lokali stess (fuq 21642470) mit-Tnejn sal-Ġimgħa fl-istess ħinijiet ta' fuq.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 35 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr.
   - € 235 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq l-istess għan. Grazzi mill-qalb.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

7. Nitolbu għal Karmena Callus li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...